MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru 655/2013

Il-Pulizija

Spettur Jonathan Ransley

vs

Neil Carl Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 347982m akkuzat talli:

1. bejn il-lejl tal-10 ta' Lulju 2013 u l-11 ta' Lulju 2013 f'Triq Salvu Psaila, B'Kara, ikkometta serq minn go vettura FAV 691 tal-ghamla Isuzu ghad-detriment ta' Stephen Azzopardi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin;

2. volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-vettura FAV 691 ta' ghamla Isuzu ghad-detriment ta' Stephen Azzopardi, liema hsara mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) pero izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);
3. ghal habta ta' 04:35 ta' filghodu, fil-11 ta' Lulju 2013 fi Triq Santa Marija, Birkirkara, ikkometta serq minn go vettura KBC 054 ta' ghamla Opel Astra ghad-detriment ta' Matthew Micallef, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin;
4. volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli , meta ghamel hsara fuq il-vettura KBC 054 tal-ghamla Opel Astra ghad-detriment ta' Matthew Micallef, liema hsara mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) pero izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu(€116.47);
5. sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Il-Qorti hi mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati; rat l-Artikoli 261(b), (g), (f), 263, 264, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2), u 18 tal-Kap 9.

Tiddeciedi : biili tahseb li l-imputat ghandu aktar bzonn jigi dirett lejn it-triq it-tajba li jidher li qabad, dan milli jinghata kastig ta' habs effettiv, qeghda tqieghdu taht probation ghal tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Tapplika kontra tieghu l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundannah ghall-hlas tal-ispejjes inkorsi fl-inkjesta magisterjali, zmien xahar, li jigu lilu notifikati permezz tar-Registratur tal-Qrati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------